# PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Nru **941/2021 (AD)**

**Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta’ Kontro-Mandat għall-Mandat ta’ Sekwestru bin-numru 1159/2021 (NC) fl-ismijiet:**

## D. PEAK LIMITED (C 12224)

**vs**

## RACHEL MARIE XUEREB (KI 196500L) u CARMEN VASSALLO (KI 384567M)

**Il-Qorti**:

1. Dan hu digriet finali dwar talba ta’ Rachel Marie Xuereb magħmula ai termini tal-artikolu 836(1)(b), (e) u (f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, għar-revoka tal-mandat ta’ sekwestru bin-numru 1159/2021 NC;

**Preliminari**

2. B'rikors preżentat nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Settembru 2021, Rachel Marie Xuereb talbet lil din il-Qorti sabiex:

   (a) tordna r-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 115/2021 NC fl-ismijiet ***D. Peak Limited vs Rachel Marie Xuereb u Carmen Vassallo*** senjatament, iżda mhux esklussivament, ai termini tal-Artiklu 836(1)(b), (e) u (f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u

   (b) fin-nuqqas illi tilqa' l-ewwel talba rikorrenti, tordna illi jiġu liberati dawk il-fondi derivati mill-istipendju / paga tagħha għall-mantenimant tagħha li jippermettulha li tgħix ħajja dinjituża, ai termini tal-Art 382 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. B'risposta datata tnejn u għoxrin (22) t'Ottubru 2021, is-soċjeta' D. Peak Limited opponiet għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju odjern, u dan għal diversi raġunijiet, fosthom illi r-rikorrenti ma ġabux prova illi l-garanzija minnhom offruta hija xierqa u tista' tissodisfa l-pretensjonijiet tas-soċjeta' D. Peak Limited.

**Fatti tal-Każ**

4. Mir-rikors odjern jirriżulta illi s-soċjeta' sekwestranti talbet u otteniet mandat ta' sekwestru minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fil-konfront tas-sekwestrati għas-somma ta' erbgħin elf Ewro (€40,000) rappreżentanti il-bilanċ li għadu ma tħallasx minn somma akbar, in segwitu ta' bejgħ u akkwist ta' immobbli;

5. Fl-istess ġurnata, is-soċjeta' sekwestranti talbet u otteniet proviżorjament mandat t'inibizzjoni minn din il-Qorti kif diversement presjeduta sabiex il-proprjeta' mertu tal-kreditu in kwestjoni ma tiġix mibjugħa, u fis-seduta tal-ħamsa (5) t'Awwissu 2021, waqt is-smiegħ tar-rikors għall-konferma tal-

mandat t'inibizzjoni, din it-talba ma ġietx opposta, u l-mandat ġie kkonfermat, liema mandat inħareġ fl-ismijiet ***D. Peak Limited vs Rachel Marie Xuereb*** u jġib in-numru 1160/2021/1 NC;

6. Permezz ta' digriet ta' din il-Qorti stess datat għoxrin (20) ta' Settembru 2021, il-Qorti ordnat illi l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1159/2021 NC fl-ismijiet ***D. Peak Limited vs Rachel Marie Xuereb et*** jiġi revokat limitatament fil-konfront ta' Carmen Vassallo, u jibqa' fis-seħħ biss in kwantu jolqot lis-sekwestrata Rachel Marie Xuereb;

**It-Talba għal Revoka mis-Sekwestrata Rachel Marie Xuereb**

7. Permezz ta' rikors preżentat nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Settembru 2021, is-sekwestrata ppremettiet:

   a. Illi bil-mandat t'inibizzjoni illi ġie akkordat b'mod definittiv nhar il-ħamsa (5) t'Awwissu 2021 il-kreditu tas-soċjeta' sekwestranti ġie debitament ikkawtelat, stante li l-kreditu pretiż mis-soċjeta' sekwestranti huwa għall-bilanċ rimanenti tal-ħlas għall-bejgħ u akkwist tal-proprjeta' li ntlaqtet bil-mandat t'inibizzjoni;

   b. Illi s-soċjeta' sekwestranti m'għandhiex ħtieġa li tikkawtela għal aktar minn darba l-kreditu minnha pretiż, u l-mandat t'inibizzjoni minnu nnifsu għandu joffri garanzija biżżejjed għall-pretensjonijiet tas-soċjeta' sekwestranti. Għalhekk dan il-mandat m'għandux jibqa' fis-seħħ, u s-sekwestrata għandha tiġi liberata mill-osservanza tiegħu, senjatament, iżda mhux esklussivament, ai termini tal-Artikolu 836(1) sub-inċiżi (b), (e) u (f) Kap 12;

   c. Illi jekk għal kwalsiasi raġuni l-Qorti tħoss li l-kreditu pretiż ma huwiex xorta waħda kkawtelat permezz tal-mandat t'inibizzjoni suriferit, is-sekwestrata hija lesta li tagħti l-ewwel privileġġ permezz ta' ipoteka speċjali fuq il-proprjeta' in kwestjoni, taħt il-provvedimenti kollha opportuni li l-Qorti jidhrilha xierqa;

d. Illi, fin-nuqqas li din il-Qorti takkordalha r-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru għar-raġunijiet premessi, is-sekwestrata jeħtiġilha illi jiġu liberati dawk il-fondi derivati mill-istipendju / paga tagħha għall-manteniment tagħha li jippermettulha li tgħix ħajja dinjituża, u dan ai termini tal-Art 382 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Għaldaqstant, is-sekwestrata talbet lil din il-Qorti:

   a. Tħassar, tirrevoka u tikkanċella dan il-mandat ta' sekwestru ai termini tal-Art 836(1) sub-inċiżi (b), (e) u (f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta okkorrendo bl-iskrizzjoni ta' ipoteka speċjali fuq il-proprjeta' li huwa l-mertu tal-kreditu pretiż; jew

   b. Tirrevoka dan il-mandat għal dak il-porzjoni ta' fondi mhux in eċċess ta' sitt mija tmienja u disgħin Ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€698.81) fix-xahar ai termini tal-Art 382 tal-Kap 12 għall-manteniment tagħha.

**Risposta għat-Talba għal Revoka mis-Soċjeta' Sekwestranti D. Peak Limited**

9. Mill-banda l-oħra, b'risposta preżentata nhar it-tnejn u għoxrin (22) t'Ottubru 2021, is-soċjeta' D. Peak Limited eċċepiet:

   a. Illi ma nġabet l-ebda prova dwar jekk hemmx xi krediti oħra iskritti fuq il-proprjeta' in kwestjoni, u dwar il-kundizzjoni tal-istess proprjeta'; u

   b. Illi l-unika garanzija adegwata illi lesta taċċetta s-soċjeta' sekwestranti hija garanzija bankarja għall-ammont sħiħ reklamat bil-mandat;

   c. Illi d-dettami tal-Artikolu 382 tal-Kap 12 japplikaw ex lege, u m'hemmx digrieti illi jeħtieġ illi jingħataw, u wisq inqas li l-mandat jiġi revokat

parzjalment biex jagħmel tajjeb għall-paga sal-ammont indikat f'dak l-artikolu;

10. Għaldaqstant, is-soċjeta' sekwestranti kkonkludiet illi t-talba tas-sekwestrata għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha .

**Il-Qorti**

11. Wara illi rat l-atti kollha preżentati mill-partijiet;

12. Reġgħet rat id-digriet tagħha stess tas-sebgħa (7) t'Ottubru 2021, illi fih ordnat in-notifika tar-rikors odjern lil D. Peak Limited bi żmien sebat (7) ijiem għar-risposta, u ddikjarat illi kienet konsegwentement sejra tgħaddi sabiex tipprovdi kameralment fuq il-mertu tar-rikors;

13. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet dwar ir-Revoka tal-Mandat *In Vigore***

14. Għall-fini ta' kjarezza, il-Qorti tibda billi tissenjala illi din hija t-tielet darba illi din il-Qorti qiegħda tintalab tordna r-revoka tal-mandat odjern:

(a) L-ewwel talba saret permezz ta' rikors intavolat nhar il-ħamsa (5) t'Awwissu 2021 minn Carmen Vassallo (rikors nru 776/2021). Din il-Qorti kif presjeduta laqgħet it-talba ta' Carmen Xuereb u rrevokat il-mandat *in parte* permezz ta' digriet mogħti kameralment nhar l-għoxrin (20) ta' Settembru 2021;

(b) It-tieni talba saret permezz ta' rikors intavolat nhar is-sbatax (17) t'Awwissu 2021 minn Rachel Marie Xuereb u Carmen Vassallo (rikors nru 826/2021). Fid-dawl tad-digriet mogħti minn din il-Qorti stess nhar l-għoxrin (20) ta' Settembru 2021, din il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-talba in kwantu din kienet tolqot lil Carmen

Vassallo, u ċaħdet it-talba ta' Rachel Marie Xuereb għar-revoka tal-mandat odjern, permezz ta' digriet mogħti kameralment nhar it-tnejn u għoxrin (22) t'Ottubru 2021;

(c) It-tielet talba, u cioe t-talba odjerna, saret permezz ta' rikors intavolat nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Settembru 2021 minn Rachel Marie Xuereb, jiġifieri fil-perjodu bejn l-ewwel u t-tieni digrieti ta' din il-Qorti fl-atti tal-istess mandat ta' sekwestru kawtelatorju. F'dan ir-rikors, apparti r-revoka tal-mandat odjern, qiegħed jintalab ukoll illi jiġu liberati il-fondi derivati mill-paga tar-rikorrenti għall-manteniment tagħha ai termini tal-Artikolu 382 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

15. Il-Qorti tinnota illi l-argumenti illi fuqhom qiegħda tibbaża t-talba odjerna għar-revoka tal-mandat *in vigore* s-sekwestrata huma **identiċi** għall-argumenti illi fuqhom ibbażat it-talba tagħha fit-tieni rikors tagħha, u cioe fir-rikors numru 826/2021, u cioe l-fatt illi s-soċjeta' sekwestranti ottjeniet mandat ta' inibizzjoni minn din l-Onorabbli Qorti kif diversement presjeduta, u għaldaqstant m'għandhiex ħtieġa tikkawtela l-kreditu minnha pretiż permezz tal-proċeduri odjerni, kif ukoll il-fatt illi s-sekwestrata lesta illi tagħti l-ewwel privileġġ permezz ta' ipoteka speċjali fuq il-proprjeta' in kwestjoni;

16. In vista tal-fatt illi r-rikors odjern ma jżid xejn ma' dak premess mir-rikorrenti fir-rikors numru 826/2021, u in konsiderazzjoni tal-fatt illi ma ġew esebiti l-ebda dokumenti u/jew provi ulterjuri illi jistgħu jwasslu lil din il-Qorti sabiex tasal għal konklużjoni diversa minn dik mogħtija mid-digriet għall-istess rikors preċedenti, il-Qorti, **filwaqt illi tagħmel referenza għall-konsiderazzjonijiet minnha magħmula fid-digriet tagħha tat-tnejn u għoxrin (22) t'Ottubru 2021, tapplikahom *in toto* għall-mertu tar-rikors odjern, u konsegwentement tiċħad għal darb'oħra it-talba għar-revoka tal-mandat odjern kif dedotta fir-rikors odjern**.

**Konsiderazzjonijiet dwar it-Talba magħmula ai termini tal-Artikolu 382 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**

17. L-Artikolu 382 tal-Kap 12 għandu jinqara fil-kuntest mogħti mill-Artikolu 381(1) tal-Kap 12. L-Artikolu 381(1) tal-Kap 12 jistabbilixxi illi:

> *381. (1) Ma jistgħux jinħarġu mandati ta' sekwestru fuq –*
> *(a) salarju jew paga (magħdudin il-bonus, allowances, overtime u ħlasijiet oħra);*
> *[...]*

18. Konsegwentement, l-Artikolu 381(1)(a) huwa kwalifikat b'dak stabbilit fl-Artikolu 382(1):

> *382. (1) Fil-każ ta' kwalunkwe salarju jew paga msemmija fl-artikolu 381(1)(a) meta dawk jeċċedu sitt mija u tmienja u disgħin Ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (698.81) fix-xahar jew dik is-somma li l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' minn żmien għal żmien b'ordni jistabbilixxi, il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru jkun jgħodd fuq dik il-parti li teċċedi l-ammont imsemmi qabel:*
>
> *Iżda jekk id-debitur jagħmel rikors li fih juri għas-sodisfazzjoni tal-qorti li huwa jkollu bżonn dak l-eċċess jew parti minnu għall-manteniment tiegħu jew għall-manteniment tal-familja tiegħu, il-qorti għandha tħassar il-mandat ta' sekwestru dwar dak l-eċċess jew dik il-parti minnu, u wara hekk l-imsemmi mandat għandu jitqies li jkun u li kien mingħajr effett safejn ikun ġie revokat:*
>
> *Iżda wkoll dan l-artikolu ma jgħoddx għas-salarju ta' uffiċjal jew raġel fil-forza regolari ta' Malta.*

19. Tajjeb illi jiġi primarjament senjalat illi għalkemm dawn iż-żewġ artikoli jinsabu taħt is-Sub-Titolu VI tal-Kap 12, u cioe dik il-parti mill-Kap 12 illi titkellem dwar il-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv, l-Artikolu 849 tal-Kap 12

iwessa' l-applikazzjoni ta' dawn iż-żewġ artikoli għall-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju wkoll, b'dana illi dak premess mil-liġi permezz ta' dawn iż-żewġ artikoli japplika wkoll fil-każ ta' mandat ta' sekwestru bħal dak odjern;

20. Is-sewkestrata qiegħda titlob illi jiġu liberati l-fondi derivati mill-istipendju / paga tagħha għall-manteniment tagħha li jippermettulha li tgħix ħajja dinjituża;

21. Il-Qorti fl-ewwel lok tissenjala illi fin-nuqqas tas-sekwestrata illi tippreżenta kopja tal-mandat ta' sekwestru illi tiegħu qiegħda titlob ir-revoka, u fin-nuqqas tas-sekwestrata illi mill-inqas tindika min huma s-sekwestrarji relattivi għall-mandat ta' sekwestru odjern, il-Qorti m'għandha l-ebda possibilta' illi tkun taf x'ġie effettivament sekwestrat, u cioe jekk il-mandat odjern inħariġx fuq is-salarju tas-sekwestrata jew le, u/jew jekk humiex biss il-fondi depożitati f'kontijiet bankarji tas-sekwestrata illi huma kolpiti mill-mandat ta' sekwestru odjern;

22. Madanakollu, anke jekk għall-grazzja tal-argument il-mandat ta' sekwestru odjern inħareġ fuq is-salarju tas-sekwestrata, il-Qorti tissenjala illi l-Artikolu 382 jagħmilha ċara illi mandat ta' sekwestru jolqot biss l-<u>eċċess</u> fuq is-somma ta' €698.81, u mhux l-ammont ta' €698.81 innifsu. Huwa biss fil-każ illi s-sekwestrata tkun trid tingħata aċċess għall-eċċess maqbud mill-mandat ta' sekwestru oltre s-somma ta' €698.81 illi hija għandha tressaq talba relattiva permezz ta' rikors kif jiddetta l-*proviso* tal-Artikolu 382(1). Fil-każ in eżami, mit-talba kif dedotta, jirriżulta espressament illi dak illi qiegħda tippretendi s-sekwestrata hija biss is-somma ta' €698.81 fix-xahar, u mhux l-eċċess. Mhi għalhekk rikjesta l-ebda ordni tal-Qorti f'dan is-sens, ġialadarba tali dritt pertinenti lir-rikorrenti jirriżulta *ex lege*;

23. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, il-Qorti sejra **<u>tastjeni</u>** milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba magħmula mir-rikorrenti, u cioe mit-talba magħmula ai termini tal-Artikolu 382 tal-Kap 12.

**Decide**

24. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **Tiċħad** l-ewwel talba kif dedotta; u

(ii) **Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra s-sekwestrata Rachel Marie Xuereb.

**Digriet kamerali mogħti llum, il-Ġimgħa, tnax (12) ta' Novembru 2021.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Reġistratur**